MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tal-5 ta' Jannar, 2004

Avviz Numru. 248/2003

**Anthony Formosa bhal mandatarju tal-assenti Andreas Jacovides sia f'ismu propju kif ukoll bhala propjetarju tal-azienda kummercjali estera Casa Records**

**Vs**

**Donald Micallef f'ismu propju kif ukoll bhala propjetarju tal-azienda kummercjali D.Don Music**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur nomine talab sabiex il-konvenut fil-kwalitajiet tieghu premessi jigi kundannat li jhallas lill-istess attur nomine l-ammont ta' elf, sitt mija u sbatax-il lira Maltin (Lm1617) kif ukoll l-ammont ta' erba' mija disgha u hamsin Lira Ingliza Sterlina (GBP 459) ekwivalenti f'liri Maltin skond ir-rata tal-kambju bejn il-lira Ingliza u l-lira Maltija fid-data tas-sentenza rapprezentanti prezz ta' merci konsistenti f'vinyls mibjugha u mibghuta

minn l-Inghilterra lill-konvenut mill-attur, u mhux imhallsa, kif ammessi mill-istess konvenut fid-dokumenti annessi mal-avviz u mmarkat Dok A.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru, bl-imghax legali kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ukoll l-anness Dok A (a fol 2 u fol 3 tal-atti).

Rat kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi l-attur nomine meta xehed taht gurament (fol 19 tal-istess atti) ikkonferma li l-ammont specifikat fl-avviz kien ghadu dovut mill-istess konvenut lill-attur nomine u dan in konnessjoni ma dak imnizzel fl-imsemmi dokument markat Dok A.

Illi l-konvenut, li f'dan il-kaz gie notifikat bl-avviz skond il-ligi a basi tal-artikolu 187(3) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta (ara fol 10 ibid) qatt ma deher jew ippresenta nota tal-eccezzjonijiet bil-miktub sabiex jikkontesta t-talba attrici.

Illi konsegwentement, it-talbiet attrici ghadhom jigu akkolti.

Illi l-ammont pretiz fl-avviz u denominat f'liri sterlini gie konvertit mill-istess Qorti f'liri Maltin a basi tar-rata medja ta' kambju u ekwivalenti ghal 1.6249 liri Sterlini ghal kull lira Maltija, liema kalkolu rrisulta fl-ammont ta' Lm282.47,9, liema rata hi dik vigenti fit-3 ta' Jannar 2004 u provduta mill-Bank of Valletta p.l.c.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lill-attur nomine s-somma komplessiva ta' Lm1899.48 bl-imghax ta' 7.5% mill-31 ta' Jannar 2003 sad-data tal-pagament effett (ara fol 2 tal-atti) u bl-ispejjes inklusi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju imsemmi fl-istess avviz.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------